# Marku Is-sajjied.

Operetta b'zewġ atti
ta' Dun Cimatti
Maqluba bil-Malti
minn Carmelo Galea S.C.

## Pirsunaġġi.

Kwintino } sajjieda =
Marku } =
Gerbertu (tfajjel helu) =
Il Maligno (Satana) =
Endo } =
Oliviero } Paġġi =
Germano } =

Paġġi ohra u in-nobbli mistiednin li ma jitkelmux.

Suldat = =

# L-ewwel Att.

Dar fqira tas-sajjieda ma ġemb il-baħar. Mad-dbexbix jinstama kant fil-bogħod li aktar ma jmur iktar jersaq. Ir-rumanz ta' Kwintinu.

1a Scena

---

## Kant No 1.

### Kwintino waħdu.

Itfa' x-xibka fil-baħar O qalbien sajjied.
Ħares kif għawbu l-kwiekeb is-sema tiddi bħan-nir
Qalb dawk il-mewġ (minn tal-baħar jinħeba teżor kbir.
Ħekku l-ħolma minn tiegħek
Igri o ċkejken sajjied
O sajjied fqir, sajjied fqir.

Isma diż-żiffa għaddejja fuq wiċċ il-baħar żejt
Ħares il-ħut ġewwa l-ilma jaqbeż ferħan itir
Itfa' x-xibka fil-baħar, il-ħut jinsab irsir
Ħekku l-ħolma minn tiegħek
Igri o ċkejken sajjied
O sajjied fqir, sajjied fqir.

---

### L-ewwel Xena.

(Kwintinu jidħol ikanta bix-xibka tas-sajd fuq spaltu u xi kopp f'idejh - Jeħor lejn id-dwejra ta' Marku)

**Kwint.** Ehi! Marku! Gilbertu! Ixgħelu dawk id-dwal. Għadkom reqdin?! Qumu għax sebħet l-għodwa tal-ġenna biex immorru nistadu.

**Marku** (Joħroġ rasu mit-tieqa tad-dar, jgħorok għajnejh, għajjien u qalbu sewda) Huwa inti l-ħabib tagħna Kwintinu?!

Kwint. Jiena, jiena iva qiegħed tarani; mal-ħabiba tiegħi li ma tħallini qatt; sinjura miserja, u sinjorina allegrija..... Imma dawk x'buri ħuma li qomt bihom dal-għodu? Għad għandek għajnejk bin-ngħas, qisek xi batri fis-sakra!
Marku Sewwa qiegħed tgħid Kwintinu, izda mhux bin-nagħas imma bil-biki li bkejt dal-lejl ma għemb is-sodda tal-maħbuba ommi!
Kwint. Kif!! Ommok marret għall-għar?!
Marku O Kwintino ma kontx nobsor li issebbaħ sa dal-għodu.
Kwint. It-tabib qej jaraha?
Marku U billi jigi t-tabib jaraha, jekk imbagħad il medicini li jordnalna ma jkonniex biex nixtruhomla?!
Kwint. Eh, sinjura miserja
Marku Haqa kerha il-faqar, Kwintino.
Quint. Huwa veru illi s-sinjura miserja ma għandha tnieħna minn ħadd; specjalment mil-morda; imma id-dejjaqx qalbek taf, nagħmel tajjeb għalikom jiena. Ikkmandani; ara x'nista' niswielkom.
Marku Kieku il-but tiegħek jista jkun ħanin daqs kemm hija qalbek Kwintino, kieku ommi żgur ma waslitx f'dan l-istat; imma imsejken Kwintino x'tista tagħmel int għalina, jekk il faqar huwa wkoll is-salib tiegħek.
Kwint. Kejn taqta qalbek, il forza tal-flus hija hawn f'dawn iż-żewg dirgħajn! Taf x'nagħmel Marko; inti mur għat-tabib, u jien immur nistad. Dal-għodu ntossni b'burdata tassew tajba. O!... diġa qiegħed nara dak il-ħut minn kull kulur jimbaram qewwa x-xibka! U kemm flus ma indaħħlux tiegħu. Il-markiza Rożella diġa qaltli li kemm ħut naqbad illum tixtrieh hija. Tista' taħseb maħbub Marko jekk ikolniex biex inħalsu il-medicina. Igri, mur u ixtri dak li kemm

Kwint. Jiena, jiena iva qiegħed tarani; mal-ħabiba tiegħi li ma tħallini qatt; sinjura miserja, u sinjorina allegrija..... Imma dawk x'buri ħuma li qomt bihom dal-għodu? Għad għandek għajnejk bin-nagħas, qisek xi bakri fis-sakra!

Marku Sewwa qiegħed tgħid Kwintinu, izda mhux bin-nagħas imma bil-biki li bkejt dal-lejl ma qemt is-sodda tal-maħbuba ommi!

Kwint. Kif!! Ommok marret għall-għar?!

Marku O Kwintino ma kontx nobsor li issebbaħ sa dal-għodu.

Kwint. It-tabib qej jaraha?

Marku U billi jigi t-tabib jaraha, jekk imbagħad il medicini li jordnalna ma jkollniex biex nixtruhomla?!

Kwint. Eh, sinjura miserja

Marku Haqa kerha il-faqar, Kwintino.

Quint. Huwa veru illi s-sinjura miserja ma għandha tnien minn ħadd; specjalment mil-morda; imma id-dejjaqx qalbek taf, nagħmel tajjeb għalikom jiena. Ikkmandani; ara x'nista niswielkom.

Marku Kieku il-but tiegħek jista jkun ħanin daqs kemm hija qalbek Kwintino, kieku ommi zgur ma waslitx f'dan l-istat; imma imsejken Kwintino x'tista tagħmel int għalina, jekk il faqar huwa wkoll is-salib tiegħek.

Kwint. Xejn tagħta qalbek, il forza tal-flus hija hawn f'dawn iz-zewg dirgħajn! Taf x'nagħmel Marko; inti mur għat-tabib, u jien immur nistad. Dal-għodu ntossni b'burdata tassew tajba. O!.. diga qiegħed nara dak il-ħut minn kull kulur jimbaram qewwa x-xibka! U kemm flus ma indaħħlux tiegħu. Il-markiza Rozella diga qaltli li kemm ħut nagħbad illum tixtrieh hija. Tista' taħseb maħbub Marko jekk ikolniex biex inħalsu il-medicina. Igri, mur u ixtri dak li kemm

bżonn għall-imsejkna ommok.

Marko — Għasafar fl-ajru u ħut fil-baħar.

Kwint. — Iva, ħut fil-baħar li dalwaqt ikun deheb u fidda fl-idejn. Marko, titlifx żmien, mur u ara x'għandek tagħmel.

Marku — Grazzi, maħbub Kwintino.

Kwint. — Ma hemmx imniex; isa, ġirja waħda għal għand it-tabib, u jiena għal mal-ħut tal-baħar.

Marku — Arani sejjer (jitlaq)

Quint. — Għalina mela ħalli mmur nagħta dan iċ-ċekk min għand il-bankier li jinsab f'qiegħ il-baħar.

---

## It-Tieni Xena

## Ġerbertu u Kwintinu

Gilb. — (mid-dar) Marku!....

Kwint. — Marku mhuiex hawn, imma ma jdumx ma jiġi.

Gilb. — Kwintinu, Kwintinu! Ommi tiżienet ħafna! Fejn mar ħija Marku?!...

Kwint — Mar iġib it-tabib biex ifejjaqha.

Gilb. — It-tabib?!

Kwint. — Iva, u jien sejjer inġibilha il-mediċini.

Gilb. — Il-mediċini minn fejn?

Kwint — Hawn, ma ġembna hawn spiżerija illa fiha issib kwalunkwe mediċina.

Gilb. — Trid tiċċajta Kwintino.

Kwint. — Le ma jnix niċċajta, qiegħed ngħidlek illi hawn ma ġembna hawn mediċini li jfejqu il-mard kollu u ma tħallasx «Gratis et amore Dei»

Gilb. — X'taqt kieku għandi qalb niċċajta bħalek Kwintino.

Kwint. — Le, jien minhiex qed niċċajta, għaliex mhux

mument taċ-ċajt. Ġħti l-istorja tat-twajba sisena tal-bahar ma tafhix? In-nanna tiegħi kienet tirrakkontali spiss speċjalment meta il-bahar kien ikun imċaqlaq, sewwa u jiena kont tant nibża minn dawk il-ħsejjes tiegħu. Donni għadni qiegħed nismagħha tkanta:

Kant No 2.

Dwett bejn Quintino u Gerberto.

Kwint. Sewwa l-bahar hemm serena
Għandha ħafna mediċini
Bihom ħfejjaq il-mard kollu
U tatik saħħtek fil-ħin
Hija omm ta' l-akbar ħniena
Illi tagħti kull għajnuna
Lil kull min ikun imdejjaq
Tatih xorb mill-aktar fin.
Gilb. Hija omm ta' l-akbar ħniena
Illi tagħti kull għajnuna
Lill kull min ikun imdejjaq
Tatih xorb mill-aktar fin.
Kwint. Jekk hi tisma' l-biki tiegħi tiġi żgur.
Gilb. Jekk hi tisma' l-biki tiegħi tiġi żgur.
Kwint. Lill-qaddejja tordna fiss
Ikel, xorb l-aktar għażiż
Biex lil ommi nikkuraw
Lilha mfejqa aħna naraw.
Gilb. Lill-qaddejja tordna fiss
Kwint. Ikel xorb l-aktar għażiż
Gilb. Biex lil ommok nikkuraw
Kwint: u Gilb } Lilha mfejqa aħna naraw.

Gilb. U din is-serena minn jo qiegħ il-baħar kif tista' tisma' l-biki tiegħi?

Kwint. Il-fatati tal-baħar għandhom widnejhom twal u jisimgħu mill-bogħod wisq. Ara, ħares lejn il-baħar u sejjaħ lir-Regina Serena, min jaf għandix hila tisimgħek. Jiena sejjer insejjaħ Il ħut u nispera li anke huma jisimgħuna (jittaq).

Gilb. (Jibqa wahdu ħuġbien iħares lejn il-baħar u mbagħad jersaq aktar lejh, jiftaħ dirgħajh u jkanta)

---

Kant No 3.

Gerbertu wahdu

O Serena tal-~~ward~~ baħar
Fik jiena qedt it-tama kollha minn tiegħi
Ħlies mill-mewt lil ommi
La tifriedix minn miegħi
Ikollok ħniena minn dan (il-wied tad-dmugħ)
~~Ikollok~~ ħniena minn dan il-leħen mugħugħ
~~Sbejħa~~ Serenetta, ismagħni
Ersaq nitolbok ħaqen ħdejja
Biex din~~a~~ qalbi tkun tista' tfarragħi
~~U tixxuttali għajnejja~~.
O Se re na ismagħni

---

It-Tielet Xena.

(Il Maligno liebes ta' sinjur kbir, jidħol fl-aħħar battuta tal-kant ta' Gerberto b'qoffa f'idejh mimlija b'ħafna ġojjelli jbieħ)

Maligno Is-serena tal-baħar semgħet it-talba tiegħek, o ġuvni!

Gilb. (Kważi mbeżżgħa) Sinjur! Kif/Nista' nkun naf min int?

Maligno Xejn la tibża, jiena huwa ambaxxatur ta' dik ir-regina serena illi għadek kemm sejjaħt,

u għawnhekk ġiebt miegħi r-rigali illi ħija bgħatitlek.

Gilb. Il-medicina illi għanda tfejjaq l-ommi forsi?

Mali. Xi ħaġa iġbati minn hekk (jippreżentalu il-qoffa) ara xi ġmiel!

Gilb. Kemm deheb u gojjelli x'ileqqu!

Mali. Dan m'hu xejn ħdejn dak li għandi fil-palazz tiegħi.

Gilb. O x'rikkezzi!

Mali. Jekk inti trid ikollok aktar minn dan illi lilek qed jamxulek għajnejk, jekk trid ngħamlek sinjur u felici.

Gilb. U l'ommi?

Mali. L-ommok tkun tista' tibbisha ta' Regina u titrila l-iżbaħ palazz fejn toqgħod jekk inti trid.

Gilb. Jekk jiena rrid? Dażgur li rrid. Għidli x'għandi nagħmel?

Mali. Trid tatini ħaġa li inti għandek, li jiena m'għandiex u li tant togħġobni!

Gilb. X'natik sinjur?

Mali. Meta jkun il-waqt ngħidlek; għal issa imxi miegħi.

Gilb. Nista' naf qabel xejn min int jekk jogħġobok?

Mali. Inti għal fejn trid taf. Ħa aqbad f'idejk dawn id-djamanti, basta illi twegħdni — kelma biss irrid nisma minn fommok. —

Gilb. Sinjur, nitolbok illi tistennini ftit ħalli mmur niehu pirir min għand ommi. (iħun sejjer)

Mali. (Iżomm lil Gerberto minn driegħu) Ejja miegħi jiena ngħalmek skola tal-ikbar verità li ommok qatt ma għalmitek u l-anqas taf biha. Issa tara it-trieq tiegħi kemm hija sabiħa, imxi warajja.

Gilb. Le, le mingħajr pair t'ommi ma niġix

Mali. U jien nieħdok miegħi bil-fors. (jaffrrati)

Gilb. Madonna, Għajnuna ta' l-Insara, għinni!

Mali. (Isabtu bir-rabja mal-art) Mishut iskot!

La targax issemmi dak l-Isem.

Gilb. Madonna għinni! (arkuptejh)

Mali. (jgħajjat għajta u jaħrab)

---

Kant No 4.

## Gerberto waħdu

Sliem għalik o Marija mimlija bil-grazzja
Int għandek ikun l-Umm minn t'Alla
Biex tiddi bħala qawsalla
Minn dak il-ħott imbierek
Tal-ġuf tiegħek, Ġesù.
Inti qaddisa, Sultana tas-Sema u l-art
Ave Marija.

---

## Il-Kabà Xena.

Marku (jidħol bil-korla u jinxur fuq Gilbertu)
Qum minn hemm, tallik minn dan it-talb;
għalfejn it-talb jekk il-Madonna nsietna għal
kollox! Hadd izjed ma għandu ħniena minna, ħadd!

Gilb. U ħija Marku, tgħidx erezijiet bħal dawn,
x'għandek? Għidli x'għandek?

Marku X'għandi?! Għandi l-infern kollu ġewwa fija;
dan huwa kollu li għandi! Ikunu misħutin
dawk kollha li għandhom il-flus! Misħuta
il-miżerja, il-faqar li ninsabu fih!

Gilb. . X'qallek it-tabib?

Marku Qalli..... qalli li ma jiġix jara l-ommi
qabel ma nħallsuh tal-visti ta' qabel....

Gilb. Insejkna ommi!

Marku Flus, dejjem flus; minn fejn immur ingibhom
jien dawn il-flus.

Gilb. Oh! jaħasra li kieku ħadt ftit minn dawk

Quintin L. Ferris

Mark

Gilbert — L. ~~Ferris~~ Barbieri

Marilyn — Fred Camellini

il gojjelli li offrieli dak is-sinjur.

Marku. X'inhi tohlom issa, fuq liema gojjelli qed titkellem.

Gilb. Ghadu kemm kien hawn bniedem misterjus li li kellu caxxa mimlija bid-deheb u d-djamanti u ried itihomli.

Marku. Effett tal-guh li ghandek fuqhek, qieghed tohlom.

Gilb. Hlomt? Forsi hlomt.... imma taxxew kienet holma kerha din tieghi.

Marku. Imma issa kif inti tara, ninsabu bla medicina, bla hobz u minghajr habba gol-but, kif sejrin naghmlu issa?

## Il-Hames Xena

### Kwintinu u l-ohrajn

Kwint. (Gilbert bix-xbiek fuq spaltu, skuraggut u mdejjaq) Ghamilt minn kollox izda fix-xib-ka angas huta wahda ma dahlet.

Marku. Nghattilkomx, li kollox kontra taghna, anke il-bahar issa qieghed jaghmilha tat-trux ghal biki taghna.

Kwint. Donnu itghajjen il-bahar u tghajjin ix-xbiek tieghi wkoll, qatt ma naf li ma qbadt xejn kemm ili nistad.

Gilb. Is-serena tal-bahar illi inti Kwintinu mort webbiltni biha hija sahhara hazina.

Kwint. Bhalek nitfsibha jiena Gilbertu.

Gilb. Mela nitolbu lil Marija, Ghajnuna ta' l-Insara, dik hija habiba tal-fqar u zgur tismaghna.

Kwint. Bil pjacir kollu.

Gilb. Fil-kamra tar-rqad hemm inkwatru qadim tal-Madonna fejn ommi qeddiemu tghidilna et-talb ta' fil-ghaxija, imxi nixghalu lampa quddiema. (Imur ipoggi bil-qegheda.)

# Is-Sitt Xena

## Maligno u Marku.

Mali. (Jidħol bħal wieħed tilef it-triq) Ħabib?!

Marku. Min sejjaħt ħabib?

Mali. Iva ħabib, tista' tgħidli jekk jogħġbok mill-liema triq ingħaddi għal Belt il-Kapitali? Sorġejt il-bastiment tiegħi xi mil il-bogħod minn hawn, u billi jiena stranjier, ma nafx int.......

Marku. Ara sinjur, għaddi minn hawn, dur dejjem max-xatt tal-baħar, imbagħad dur mal-lemin fejn dik il villa tħammar bil ward u żgur li ma tiżbaljax.

Mali. Grazzi ħafna. Jekk qatt nista' nservik f'xi ħaġa ta' dan il-favur li għamiltli...... ikkmandani dejjem. Nawguralek li tkun dejjem qawwi u sħiħ, iżda fil kas ta' xi mard, għandi ngħarfek illi jiena tabib ċelebri, tista' toqgħod fuqi, anke intik l-indirizz tiegħi jekk trid.

Marku. (b'ferħ) Inti t-tabib?! Mela Alla bgħatek hawn.

Mali. Alla?! Dan is-sinjur jiena ma nafux. Aħna it-tobba nerħu f'idejn Alla lil dawk li huma jkkundannati għal mewt. Ħallieh għamilli pjaċir lil dan is-sinjur.

Marku. Ħif jogħogbok: Mela għandi ngħidlek sur Professur illi għandi ommi marida ħafna; jogħġbok tiġi taraha?

Mali. Jiena nidħol hemm ġew? Ara ħalli għal darb'oħra ma hemmx bżonn ~~bżonn~~ illi jiena naraha.

Marku. Sinjur tassew li aħna fqar, imma id-dar tagħna nadifa.....

Mali. Nista' naħseb, imma hemm rwejjaħ ta' żejt maħruq billi xejn ma jogħġobni. Mur għidilhom jitfu dik il-lampa, għamilli karità.

Marku. Iva, immur nitfiha dik il-lampa tal-Madonna.
Mali. Ma tafux illi ir-riha ta' żejt tgħamillom ħafna ħsieni lil morda?
Marku. Intant ma tiġix tgħamlilha vista lil maħbuba ommi?...
Mali. Tabib bħali anqas għandu bżonn jara b'għajnejh biex jifhem il marda (l' malizzja). « Inopia et egestate laborantium.
Marku. Mela il mediċina tiegħek?....
Mali. (Jixtiħlu ħorża bil flus) Ekku l-mediċina tiegħi.
Marku. Flus! Sema tal ħniena! Ikħemmu deheb! Sinjur!
Mali. Dak id-deheb huwa kollu tiegħek.
Marku. Ma jiena qiegħed noħlom ?!?
Mali. Qiegħed titgħaġġeb? Kun af illi jiena huwa ir-Re tad-deheb u nista' niccodisfak fix-xewqat tiegħek kollha. Però bil patt illi inti tobdini....
Marku. Jekk jiena nobdik? Ma allura inti min int?

## Kant No 5
### Dwett bejn il-Maligno u Marku.

Mali. Jien fost il-ħlejjaq l-akbar sovran
Flus għandi bosta biex ngħix sultan.
Naf indaqq l-arpa tas-sħarijiet
Naf nisfen fl-ajru fuq żewġ swardiet
Il-ħajja tiegħi ma tafx tbatija
Fost il-pjaċiri kollha ngħaddiha
Jien fost il-ħlejjaq l-akbar sovran
Flus għandi bosta biex ngħix sultan
Marku. L-akbar unur: il kbir sinjur
Mali. Li timxi miegħi kull jum immur
Marku. L-akbar unur. il kbir sinjur
Mali. Li timxi miegħi kull jum immur
Marku. Jien nimxi miegħek kull jum int tmur
Oh! Oh! liema gojja ġo din il qalb.
Maligno. Flus intik bosta m'hemmx bżonn ta' talb.

Marku: Oh! Oh! Liema gojja go din il-qalb.

Maligno: Flus intik bosta m'hemmx bżonn tà talb

Marku: Il-kliem minn tieghek sahharli qalbi Ah! Ah!

Maligno: Ġid u bosta unur . . . . .

Marku: jew Ikolli sinjur?

Maligno: Ġid u unur ikollok kemm trid

Ma kemm issir sinjur

Maligno / Marku: Ġid u unur, issir sinjur.

Maligno: Kollox, kollox naghtik jekk inti tigi mieghi.

Marku: Meta?

Mali.: Issa stess

Marku: Fejn?

Mali.: Fis-saltna tal-hena; ikollok kastelli, paggi, ġwiemel, suldati u flus u deheb; kollox ghad-dispożizzjoni tieghek

Marku: Lest biex nigi mieghek

Mali.: U inti x'ittini

Marku: Imma jien m'ghandi xejn x'naghtik

Mali.: Xejn tikkonfondi, jiena nikkuntenta b'kelma biss illi inti tghidli.

Marku: Tajjeb jiena lest biex nghidlek.

Mali.: Trid minnek ġurament

Marku: Il-ġurament trid minni?

Mali.: Ikun taf iżjed tard; ghal issa nikkuntenta billi thalli kollox u tigi mieghi, taghtini il-libertà tieghek.

Marku: (jibqa fid-dubju) Ma nistà nifhem xejn

Mali.: Issa kemm inġieghlek tgawdi, u jiena nikkuntenta li dik il-qoxra tal-lumija, li warajha li tkun ghasarta tajjeb, titfaghhieli ma wiċċi.

Marku: Sejjer inbiegh il-libertà tieghi.

Mali.: U hi trid taghmel b'din il-libertà jekk inti iddisprat fil-mizerja tal-fqar, mhux biex aktar is-sofri? Issa hemm il-waqt li tgawdi.

Marku. Tajjeb naghtik il-libertà tiegħi.
Mali. (B'solennità) Għidtli il-kelma li kont nistieq. Mela issa inti tiegħi.
Marku. Imma jenti sejjer ittehuli dak li weghdtni, hux veru?
Mali. Kollox naghtik imxi miegħi! Hares l'hemm, il-bahrin tal-bastiment tiegħi qegħdin jarmaw il-qlugħ biex insalpaw, il-hin dieħel, immorru.
Marku. (Mil-qut mil-hsieb) U l-ommi sejjer inħalliha wehidha moribonda?
Mali. Toqghod tahseb xejn f'dan, ahseb biss fil-felicità li qegħda tistennik u la thariss izjed lejn dik id-dar fqira li sejjer thalli warajk.
Marku. Għandek raguni. Nofrejt biżżejjed f'hajti; immorru (Jitilqu b'ġirja.)

## L-aħħar xena.

## Gilbertu u Quintinu

Gilb. (Johrog mid-dar) Marku! Marku! Ummi sejħitlek! Mhux hawn? Xejn mar?
Kwint. Forsi mar jistad, imma kollu għal xejn, Marku! Marku!
(Jinstama l-kant ta' Marku bħal eku)

Kant No. 6

## Marku Wahdu

(Jinstama minn ġewwa)
Marku. Ah, Ah, ah, Ah, Ah, Ah, Ah, Ah
Fiż-żiffa helwa il-qlugħ niftahlek
Fuq dghajsa ckejkna nogħla mal-Jewġ
Bl-imqadef f'idi nicekcik l-ilma
Sakemm id-dghajsa tqħit qalb il-mewġ.

Gilb. Iva Marku harab
Kwint. Imma xejn bi hsiebu imur?

Gilb. Kella ragun ommi issejjahlu affannata, donna kienet ispirata mil Madonna.
Kwint. Insejkna mara qaddisa u issa x'ghandna naghmlu, mahbub Gilbertu?
Gilb. Nitolbu ghalieh.
(Jinżlu gharkupptejhom ikantaw)

Kant No 7.
Gerberto u Quintino

Gerb u Kwint. Sliem ghalik e Marija mimlija bil-grazzja
Int ghandek tkun S-Umm minn t'Alla
Biex tiddi bhala qawsalla
Minn dak il-Grott imbierek
Fal-qalb tieghek Gesù.
Inti qaddisa, Sultana tas-Sema u l-art
Ave Marija

(Jinżel bil-mod il-mod is-Separju)

Jispiċċa L-Ewwell
Att.

# It-Tieni Att

## Sala rikka f'kastell medioevali.

## L-Ewwel Xena.

Endo, Germano u Oliviero u paggi oħra imqassmin l'hawn u l'hemm.

c Chess

(Oliviero u Germano medhijin fil-logħob tal-iskakkerija, Endo hożbien iħares lejhom u l-paggi l'oħra min iħares u min jilgħab il-karti.
Min jewwa fil-bogħod jinstama' bħal eku, il-kor tal-Brindisi)

Kant No 8

Brindisi solo u kor

Kor
Nixorbu kollha fl-imkien
Nixorbu fost il-ferħ u l-allegrija
L-għana tal-qalb ingħannu
Sabiex intajru kull melankonija
(La la la la la la la la la la la la la la la
(Il-ward jitrabba fuq dawn ħaddejna
Evviva, Evviva, Evviva
Aħna ifal minn tal-kampanja
Nixorbu l-aħjar inbit
Tazzi mfawra bix-xampanja
Ifejjaq kil min hu marid
Aħna ifal ta' fil-għaxija
Nattdmu ma l-akbar dinjur
Ngħaddu l-ħajja fid-dgawdija
Ma nafux xinhu dulur
Marku Ngħaddu l-ħajja fid-dgawdija

Kor — Ma nafux xinhu dulur
Marku — Ngħaddu l-ħajja fid-dgawdija
Kor — Ma nafux xinhu dulur
Aħna naħdmu ma' l-akbar sinjur
Aħna nixorbna mill-aħjar likur
Likur, likur, likur.

Germ. (Malli jispiċċa l-kant) Mirbaħ bir-Re
Oliv. (skuraġġut) Intossni għajjien mejjet, rasi ma tiflaħx iżjed, ara hawnhekk xi ħadd ieħor irid jilgħab minn floki.......
Germ. Huwa tidher li mintix f'siktek mill-mossi li għamilt.... kien imissek erbaħtli b'għajnejk mgħaluqa. Imma għid is-sewwa, Oliviero tħossok għajjien għax ma rqadtx jew bl-imbid li xrobt meta kont is-servi fil pranzu.
Oliv. Il la il waħda u l-anqas l-oħra, German. Mhux l-ewwel darba li għaddejt il-lejl fuq siġġija u l-anqas hija l-ewwel darba li xil paġġ Oliviero fil-bankett li jagħti spiss is-sinjur tagħna.
Germ. Allura ittikidt mil-marda ta' Cendo.
Cendo X'gara? X'gara? Min qiegħed isemmi ismi?
Germ. Hawn bid ħarsu lejh, kien qiegħed joħlom b'għajnejh miftuħa ..... x'kont qiegħed taħseb fuq dak l-iktieb pajjisek mitluf qalb il-muntanji.
Cendo. Iekot, toffendix lil pajjiżi
Germ. Qegħdin tarah, għidtilkom jien illi raġa qabdu d-deni nostalġiku ta' pajjiżu. Ahk inti bqajt imqabbad mad-dubbiett t'ommok bħal-fal ġgħar
Oliv. Għid aħjar li għandi bidu ta' ġenn
Germ. Il biex tfieq ma hemmx ħlief rimedju wieħed; flixkun champagne (daħqa ġenerali)
Oliv. Le German biex infieq għandi proprju bżonn l-arja tal-muntanji ta' pajjiżi.